C/2024/5878

27.9.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11718 – ADRILL / ADH / TUBACEX / NTS MIDDLE EAST)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5878)

1. Fit-18 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ADNOC Drilling Company P.J.S.C. ("ADRILL", l-Emirati Għarab Magħquda),

— Alpha Dhabi Holding ("ADH", l-Emirati Għarab Magħquda),

— Tubacex S.A. ("Tubacex", Spanja), u

— NTS Middle East FZCO ("NTS Middle East", l-Emirati Għarab Magħquda), ikkontrollata b'mod konġunt minn ADH u Tubacex.

ADRIL, ADH u Tubacex se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' NTS Middle East.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— ADRILL hija attiva f'attivitajiet ta' ħaffir fuq l-art u lil hinn mill-kosta, u l-forniment ta' servizzi anċillari relatati mat-ħaffir,

— ADH hija kumpanija tal-investiment iffukata fost l-oħrajn fuq assi relatati mal-kapital klimatiku, il-proprjetà immobbli, il-kura tas-saħħa, il-kostruzzjoni, l-ospitalità, u l-enerġija,

— Tubacex hija attiva fil-manifattura ta' prodotti b'azzar inossidabbli avvanzat u ligi speċjali għas-setturi tal-enerġija u tal-mobbiltà.

3. NTS Middle East hija attiva fil-forniment ta' servizzi speċjalizzati ta' xogħol bil-magni lis-settur taż-żejt u l-gass (inklużi servizzi ta' manifattura ta' preċiżjoni, tiswija u kiri ta' għodda).

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11718 – ADRILL / ADH / TUBACEX / NTS MIDDLE EAST

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË